**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

Illum, 18 ta' Lulju, 2017

**Il-Pulizija**
**(Spettur Mark A. Mercieca)**

**-vs-**

**Colin Galea, detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 187991M.**

*Kumpilazzjoni Nru. 210/2017*

Il-Qorti,

Rat l-akkużi miġjuba fil-konfront tal-imputat Colin Galea u ċioè talli:

1. Fl-4 ta' Mejju, 2017, u anke matul il-ġranet ta' qabel ikkommetta serq minn ġewwa garage No 65 Triq Innocenz Zammit, Msida, għad-detriment ta' Marvic Micallef liema serq huwa kkwalifikat bil-valur ta' anqas minn €2329,37, bil-persuna u bil-ħin.

2. Fil-5 ta' Mejju, 2017, f'xi ħin filgħodu ikkommetta serq minn ġewwa garage No 65 Triq Innocenz Zammit, Msida, għad-detriment ta' Marvic Micallef liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-valur ta' anqas minn €2329,37, bil-persuna u bil-ħin.

3. Fil-5 ta' Mejju, 2017, f'xi ħin wara nofs inhar għall-ħabta tat-3:00pm f'dawn il-Gżjjer b'mezzi kontra l-Liġi, jew billi għamel użu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq ieħor, ingann, jew billi wrew ħaġa b'oħra sabiex igiegħel titwemmen l-eżistenza ta' intrapriżi foloz, jew ta' ħila, setgħa fuq ħaddieħor, jew ta' krediti immaġinarji, jew sabiex jqanqal tama jew biża' dwar xi ġrajja kimerika, għamel qligħ bi ħsara ta' ħaddieħor u dan għad-dannu ta' Marvic Micallef u/jew persuni oħra u/jew entitajiet oħra.

4. Sar reċediv ai termini tal-artikoli 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta, b'diversi sentenzi mogħtija lilu nhar, liema sentenzi saru definittivi u ma jistgħux jiġu mibdula.

5. Matul ix-xahar ta' Mejju 2017 naqas milli jħares xi waħda, u/jew iktar minn waħda mill-kundizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali u ċjoe mill-Maġistrat Dr. M. Vella LL.D., mid-digriet datat 16 ta' Awwissu, 2016, u li permezz tiegħu huwa ngħata l-ħelsien mill-arrest taħt diversi kundizzjonijiet, fosthom li ma jikkommettix reat ieħor u li jiffirma ġewwa l-għassa tal-Imsida kull nhar ta' Tnejn, Erbgħa u Sibt kif ukoll li jirrisjedi ġewwa l-fond: Casa Isabelle, Triq Dijonisju Famucelli, Msida u jkun ġewwa bej 0000hrs sas-0600hrs.

Il-Qorti ġiet mitluba li f'każ ta' ħtija, l-ammont stabbilit fil-helsien mill-arrest taħt garanzija nhar is-16 ta' Awwissu, 2016, għandu jiġi kkonfiskat favur il-Gvern ta' Malta ai termini tal-artikolu 579 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u li l-imputat m'ghandux l-ebda oggezzjoni biex il-kaz jigi hekk trattat.

Semghet ix-xhieda.

Semghet it-trattazzjoni.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidrat:
Illi **PS309 Brian Xuereb** xehed kif nhar l-<u>4 ta' Mejju, 2017</u>, omm l-imputat infurmat lill-pulizija li kienet qed tissuspetta li binha kien seraq xi xorb minn go garaxx li kienet, flimkien mal-partner taghha Marvic Micallef, is-sid tieghu. Meta l-pulizija wasslu fuq il-post l-imputat kien qal li kien lest jhallas ghax-xorb li kien seraq, li kien jammonta ghal €350 billi jbiegh il-karozza tieghu.[1] Is_surgent spjega li f'din is-serqa ma kien sehh l-ebda sgass.[2]

Illi **WPS63 Janet Zammit** xehdet kif nhar l-<u>5 ta' Mejju, 2017</u> Marvic Micallef kien informa lill-pulizija li persuna mhux maghrufa kienu kissrulu s-serratura tal-bieb tal-garaxx u serqulu 13 il-kaxxa Cisk lager li kienu jammontaw ghal €325. Peress li Micallef issuspetta fl-imputat

[1] Fol.26-27
[2] Fol.27

cempillu u qallu jgib ix-xorb li ha lura. L-imputat mar fuq il-post izda ma gabx xorb mieghu.[3]

Illi **PC516 John Pizzuto** xehed kif f'xi 03:30hrs fil-5 ta' Mejju, 2017, Marvic Micallef rraporta li kien sab alcohol nieqes mill-garaxx tal-partner tieghu u li kien qed jissuspetta fl-imputat. Micallef cempel lill-imputat li gie fuq il-post fejn ammetta li ix-xorb kien hadhom hu u li kienu f'garaxx f'Hal-Qormi.[4]

Illi **Marvic Micallef** spjega li fl-4 ta' Mejju, 2017 wara li sab il-katnazz tal-garaxx *"imfaqqa"* u l-bieb miftuh minn fejn kien ittiehed tlett kwarti tax-xorb li kellu fil-garaxx, cempel lill-pulizija u nfurmahom li kien qed Issuspetta fl-imputat li kellu problema tad-drogi.[5] Wara li cempillu u Galea mar fuq il-post, ghalkemm ma ammettiex li hadlu x-xorb hu beda jghidlu li kien ser jirranga mieghu u jiehu l-flus tax-xorb misruq minghandu, *"Ried ihallasni"*.[6] Dwar il-garaxx jghid *"Mhux fethu. Sgassah"*.[7] Micallef ammetta li kien ta verzjoni ohra lil-Pulizija ghaliex hu w omm l-imputat ma riedux jinvolvu lill-pulizija aktar peress li Galea beda jghidilhom li kien ser ihallashom u biex ma jdahhlux il-pulizija fin-nofs. Ghalhekk fdawh u kienu lesti jwaqqaw il-kaz.

Gara izda li dak il-lejl stess – 5 ta' Mejju, 2017- xhin qam biex imur ghax-xoghol sab il-katnazz rega sgassat (l-ewwel katnazz jispejga kien wiehed ordinarju, izda din it-tieni darba tqaccat bil-holqa b'kollox), u l-bieb tal-garxx miftuh berah.[8] Innota li ittiehdu mat-12 il-kaxxa. Cempel lill-imputat li kien qallu li sejjer ghal hames kaxxi l-ohra li fadal u li kien ser ihallsu ta' kollox. Jikkonferma li hu ma kienx konsapevoli tal-fatt li l-imputat kien ser johodlu x-xorb. Ghalkemm kien fthiem mal-imputat li ser itih anke l-ahhar hames kaxxi biex jipprova jiehu flusu lura, l-imputat qallu jmur jistennieh Hal-Qormi izda l-imputat baqa' ma tfaccax. Ix-xhud esebixxa ricevuta li turi l-ammont tax-xorb mehud mill-imputat (inkluz il-hames kaxxi tal-birra[9] li ttiehdu bil-kunsens tal-parte

---

[3] Fol.34-35
[4] Fol.37-38
[5] Fol.40
[6] Fol.42
[7] Ibid. Dan jikkontrasta ma dak li xehed PS309 meta qal li ma rax sgass (fol.27)
[8] Fol.43-44
[9] Fol.52 Isabelle Micallef tikkonferma li l-kaxxex li ssir riferenza ghalihom bhala dawk li kien fadal kienu tal-birra.

leza) kien dak ta' €1,100.10.[10] Riprodott in kontro-ezami Micallef jghid li l-Peugot ta' Galea ghaddiet ghandu dakinhar li gie arrestat l-imputat izda transfers fuqha kienu ghadhom ma sarux. Zied ukoll li kien inghata €200.

Illi **Isabelle Micallef**, omm l-imputat, ikkonfermat dak li qal Marvic Micallef u ziedet tispjega kif fl-4 ta' Mejju 2017 f'xi 6pm rat li l-garaxx *"ma kienx mdawwar bis-sellatura u bil-katnazz…Jien indunnajt li kien bil-katnazz biss."*, fejn indunaw li kien ittiehdilhom ix-xorb merfugh fl-istess garaxx.[11] Meta tkellmet ma binha qalilha li kien *"gej ha nirranga l-affarijiet"*. Ghalhekk tawh cans imur igib l-affarijiet lura u dan meta anke kien hemm il-pulizija prezenti fuq il-post. Kien hemm ftehim mal-Ispettur Lara Butters li jekk Galea ma jkunx gab ix-xorb sad 9am tal-ghada (5 ta' Mejju) kellha terga' tinforma lill-pulizija. Kien sbieh il-5 ta' Mejju, 2017, meta regaw sabu l-garaxx miftuh u mill-ewwel issuspettaw f'Colin Galea. Kien fadal biss xi kaxxi tal-birra.

Illi l-ispettur **Lara Butters** spjegat kif malli sar ir-rapport hi mill-ewwel tkellmet ma Colin li ammetta li ha x-xorb u li kien lest ihallas lura lill-ommu billi anke, jekk ikun hemm bzonn, jbiegh vettura li kellu.[12]

Illi l-**Ispettur Mark Mercieca** xehed kif fl-4 ta' Mejju, kien infurmat li kien insteraq xi xorb izda li Colin Galea kien ghamel ftehim li ser jirritornah u kien ghalhekk li dakinhar il-Pulizija ma arrestatx mill-ewwel lil Galea. Fil-5 ta' Mejju, 2017, fit-3.30am gie infurmat li l-istess garaxx safa' misruq u kkonferma li kien Galea li serqu. L-imputat gie interrogat u rrilaxxa staqarrija fejn ammetta l-involviment tieghu kif ukoll beda jghid li seta' jgib lura x-xorb kollu li kien ha. Quddiemu Galea ghamel ftehim ma Marvic Micallef biex itih ukoll l-erba kaxxex li fadal biex b'hekk igib ix-xorb kollu mehud. Peress li dan ix-xorb ma kienx ghadu thallas minn Micallef, dan accetta u telaq ma Galea. *"Mhux talli hekk, mhux talli ma gablux ix-xorb kollu lura, imma kien hadlu l-ftit li kien baqalu. Hemmhekk Colin baqa' mfittex sal-ghada filghodu"*.[13] L-ispettur Mercieca xehed ukoll li l-imputat kien qed igawdi mill-helsien mill-

[10] Dok. MM a fol.50
[11] Fol.51
[12] Fol.56
[13] Fol.60

arrest fejn fost kondizzjonijiet imposti[14] kien hemm dik li ghandu jirrisjedi gewwa r-residenza tieghu, izda wara is-6am gie misjub l-Isptar Mater Dei.

Illi l-imputat **Colin Galea** ghazel li jixhed fejn ammetta li kien rega' qabad jiehu d-droga. Kien beda jorqod fit-triq gol-vettura tieghu u xhin ra lil Marvic Micallef hiereg ma ibnu, u li kien halla l-bieb tal-garaxx miftuh, dahal u seraq mas-7 kaxxi birra. Jichad li sgassa, u fil-fatt dan jigi koroborat mill-PS309 Xuereb meta jghid li l-pulizija ma sabet l-ebda sgass.[15] Kif nqabbad dahhal f'mohhu li jbiegh Peugot li kien xtara b'€700 biex ihallas lil Micallef lura. L-imputat jixhed li l-vettura qeghda fil-pussess ta' Marvic Micallef bil-log book iffirmat filwaqt li ghaddielu mal-€200-250.[16] Ghalkemm kien intenzjonat li l-flus li dahhal mix-xorb misruq jghaddihom lil Marvic kien hemm persuna ohra li kien midjun maghha li spiccat hadet il-flus hi. In kontro-ezami jammetti li fl-ewwel zewg okkazzjonijiet ha ix-xorb izda fit-tielet okkazzjoni Micallef tah ix-xorb ghaliex kien qallu li kien ser igiblu flusu kollha lura.[17] Fl-istqarrija rrilaxxata minnu Galea kien wera dispjacir ghall-ghemilu u talab li jinghata l-ghajnuna sabiex jeghleb il-vizzju tad-droga li hakkmu.[18]

Illi mill-provi prodotti u senjatament anke mill-ammissjoni tal-istess imputat l-ewwel zewg imputazzjonijiet gew soddisfacentement ppruvati b'dan illi l-aggravju tal-persuna ma tirrizultax fiz-zewg imputazzjonijiet u dan peress li l-imputat ma kienx mistieden jew seftur tad-derubat jew xi wiehed mill-persuni l-ohra deskritti fl-artikolu 268 tal-Kodici Kriminali. Lanqas ma giex soddisfacentement ippruvat l-aggravju tal-hin fir-rigward tal-ewwel imputazzjoni.[19]

Illi ghar-rigward tal-imputazzjoni tal-frodi ssir riferenza ghas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Etienne Bartolo u Karl Vella Petroni** deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta):[20]

---

[14] Dok. MMZ a fol.62
[15] Fol.27, *"sgass ma kienx hemm"*.
[16] Fol.79
[17] Fol.81
[18] Fol.22 (vide Dok. MM6, fol. 20 et seq.)
[19] PS309 jixhed li rcevew r-rapport mingahnd omm l-imputat ghall-habta tal-5:15pm, fol.26
[20] Deciza 16.03.2016 per Onor. Magistrat Dr. Josette Demicoli

Illi **inkwantu għall-mertu** jingħad li d-differenza bejn ir-reati ipotizzati fl-artikoli 308 u 309 tal-Kodici Kriminali, kif ukoll l-elementi rikjesti biex jissussistu dawn ir-reati, hija ben stabbilita fil-gurisprudenza tagħna[21].

*Fil-Ligi tagħna biex ikun hemm it-truffa jew il-frodi innominata irid ikun gie perpetrat mill-agent xi forma ta' ingann jew qerq, liema ingann jew qerq ikun wassal lill-vittma sabiex tagħmel jew tonqos milli tagħmel xi haga li ggibilha telf patrimonjali bil-konsegwenti qligh ghall-agent ... jekk l-ingann jew qerq ikun jikkonsisti f'raggiri jew artifizi - dak li fid-dottrina jissejjah ukoll mis en scene - ikun hemm it-truffa; jekk le ikun hemm hemm ir-reat minuri ta' frodi innominata (jew lukru frawdolenti innominat)*[22].

Illi x'jikostitwixxi r-raggiri u l-artifizji ukoll huwa ben stabbilit fil-gurisprudenza tagħna. Fi kliem Antolisei[23] *artifizio e' ogni studiata trasfigurazione del vero, ogni camuffamento della realta effetuato sia simulando cio che non esiste, sia dissimulando ... cioe che esiste. Il raggiro d'altra parte e un avvolgimento ingenioso di parole, destinate a convincere: piu precisamente una menzogna corredata da ragionamenti idonei a farla scambiare per verita*. .... *E certo che l'espressione del codice di per se' richiama l' idea di una certa astuzia o di un sottile accorgimento nel porre l'inganno in opera*.

Antolisei jkompli jgħid pero li *nell'applicazione pratica della legge questa idea e' andata sempre piu affievolendosi, fin quasi a scomparire del tutto. Per tal modo si e' finito con l'ammettere che anche la semplice menzogna puo bastare per dare vita alla truffa*[24].

Illi f'dan is-sens anke l-Qorti ta' l-Appell Kriminali qalet hekk dwar il-messa in xena:

*Il-Ligi tagħna ma tirrikjediex li l-messa in xena, cioe dawk l-artifizji jew raggiri, ikunu xi haga kkumplikata jew arkittetta b'hafna pjanijiet*[25].

Imbagħad fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Marjanu Zahra**[26]

*Biex jissussti ir-reat tal-frodi jew truffa gie ritenut kostantement fil-gurisprudenza u fis-sentenzi tal-qrati tagħna illi iridu jinkonkorru diversi elementi. Ibda biex irid ikun hemm ness bejn is-suggett attiv u is-suggett passiv tar-reat u cioe' bejn minn qiegħed jikkometti ir-reat u il-vittma. Hemm imbagħad l-element materjali ta' dana ir-reat u cioe' l'uzu ta' ingann jew raggieri li iwasslu lil vittma sabiex isofri it-telf patrimonjali. Finalment huwa necessarju li ikun hemm l-element formali tar-reat konsistenti fid-dolo jew fl-intenzjoni tat-truffatur jew frodatur li jinganna u dana sabiex jikseb profitt jew vantagg għalih innifsu. Jekk xi wieħed jew iktar minn dawn l-elementi huma nieqsa, allura ir-reat tat-truffa ma jistax jisussisti. Illi f'sentenza mogħtija mill-Qorti ta'l-Appelli Kriminali (per Imħallef Carmel. A. Agius) deciza fit-22 ta' Frar 1993, fl-ismijiet Il-Pulizija vs Charles Zarb, il-Qorti għamlet esposizzjoni ferm preciza studjata u dettaljata għar-rigward ta'l-elementi ta' dana ir-reat. Il-Qorti bdiet sabiex esprimiet ruħha b'dan il-mod għar-rigward ta' dana ir-reat:*

***"Id-delitt tat-truffa huwa l-iprem fost il-kwalitajiet ta' serq inproprji u hu dak li fl-iskola u fil-legislazzjoni Rumana kien magħruf bhala steljolat u li jikkorrispondi ezattament għat-truffa tal-Codice Sardo, għal frodi tal-Kodici Toskan, għal Engano jew Estafa fil-kodici Spanjol, għal Bulra***

---

[21] Ara s-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Anthony Fountain et;** Deciza fil-15 ta' Dicembru, 2011.

[22] **Pulizija ve Carmela German** Appell Kriminali; Deciza 30.12.2004 u l-gurisprudenza hemm kwotata.

[23] Manuale Di Diritto Penale (Giuffre) pagna 356

[24] Op cit pagna 357

[25] **Pulizija vs Emanuel Ellul** deciza 20.06.1997.

[26] Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali deciza fit-2 ta' Marzu, 2011

***f'dak Portugiz, u ghal Esroquerie fil-Kodici Francis … Id-disposizzjonijiet tal-Kodici taghna li jikkontemplaw ir-reat ta' truffa kienu gew mehuda minn Sir Adriano Dingli mill-paragrafu 5 ta'l-artikolu 430 tal-Kodici delle Due Sicilie li hu identiku hlief ghal xi kelmiet insinjifikanti ghal Kodici Franciz (artikolu 405) avolja dan, il-Kodici delle Due Sicile, it-truffa kien sejhilha Frodi …..".*** *Skond gurisprudenza kostanti, l-ingredjenti ta'l-element materjali ta' dan id-delitt ta' truffa, huma dawn li gejjin.*

*Fl-ewwel lok bhala suggett attiv ta' dan id-delitt jista' ikun kulhadd.*

*Fit-tieni lok il-Legislatur, aktar mill-interess socjali tal-fiducja reciproka fir-rapport patrimonjali individwali, hawn qed jittutela l-interess pubbliku li jimpedixxi l-uzu ta'l-ingann u tar-raggieri li jinducu bniedem jiddisponi minn gid li fil-kors normali tan-negozju ma kienx jaghmel.*

*Fit-tielet lok hemm l-element materjali tat-truffa u jikkometti d-delitt tat-truffa kull min:*

- *a. b'mezzi kontra l-ligi, jew*
- *b. billi jaghmel uzu minn ismijiet foloz jew*
- *c. ta' kwalifiki foloz jew*
- *d. billi jinqeda b'qerq iehor u*
- *e. ingann jew*
- *f. billi juri haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz,*
- *g. jew ta' hila*
- *h. setgha fuq haddiehor jew*
- *i. ta' krediti immaginarji jew*
- *j. sabiex iqanqal tama jew biza dwar xi grajja kimerika, jaghmel qliegh bi hsara ta' haddiehor.*

*…. Hu necessarju biex ikun hemm ir-reat ta' truffa, li l-manuvri jridu jkunu ta' natura li jimpressjonaw bniedem ta' prudenza u sagacja ordinarja, li jridu jkunu frawdolenti u li hu necessarju li jkunu impjegati biex jipperswadu bl-assistenza ta' fatti li qajmu sentimenti kif hemm indikat fil-ligi. …."*

*Dwar l-artifizji intqal mill-Qorti illi* ***"hemm bzonn biex ikun reat taht l-artikolu 308 illi l-kliem jkun akkumpanjat minn apparat estern li jsahhah il-kelma stess fil-menti ta' l-iffrodat. Din it-tezi hija dik accettata fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti anke kolleggjalment komposta fil-kawza "Reg vs Francesco Cachia e Charles Bech (03.01.1896 – Kollez.XV.350) li fiha intqal illi "quell' articolo non richiede solamente una asserzione mensioniera e falza, ma richiede inoltre che siano state impiegate, inganno, raggiro o simulazione, ed e' necessario quindi che la falza asseriva sia accompagnata da qualche atto diretto a darla fede."***

*Ghar-reati ta' truffa komtemplat fl-artikolu 308 tal-Kodici kriminali, il-Qorti iccitata lill-Imhallef Guze Flores fejn qal illi* ***"kif jidher mid-dicitura partikolari deskrittiva adoperata, hemm bzonn li tirrizulta materjalita' specifika li sservi ta' supstrat ghall-verosimiljanza tal-falsita prospettata bhala vera u b'hekk bhala mezz ta' qerq. Ma huwiex bizzejjed ghal finijiet ta' dak l-artikolu affermazzjonijiet, luzingi, promessi, minghajr l-uzu ta' apparat estern li jirrivesti bi kredibilita' l-affermazzjonijiet menzjonjieri tal-frodatur. Il-ligi taghti protezzjoni specjali kontra l-ingann li jkun jirrivesti dik il-forma tipika, kwazi tejatrali, li tissupera il-kawtela ordinarja kontra s-semplici u luzingi, u li taghti li dawk l-esterjorita ta' verita kif tirrendi l-idea l-espressjoni felici fid-dritt Franciz mise-en-scene."***

***"….Kwantu jirrigwarda l-element formali, cioe' kwantu jirrigwarda d-dolo ta' dan ir-reat ta' truffa, jinghad illi jrid jkun hemm qabel xejn l-intenzjoni tal-frodatur li jipprokura b'ingann l-konsenja***

***tal-flus jew oggett li jkun fi profit ingust tieghu. L-ingustizzja tal-profitt tohrog mill-artikolu 308 tal-Kodici Kriminali fejn il-kliem "bi hsara ta' haddiehor" ma jhallux dubbju dwar dan. Jigifieri biex ikun hemm l-element intenzjonali tar-reat ta' truffa, hemm bzonn li s-suggett attiv tar-reat fil-mument tal-konsumazzjoni tieghu ikun konxju ta'l-ingustizzja tal-profitt u b'dan il-mod il-legittima produttivita tal-profitt hija bizzejjed biex teskludi d-dolo."***

*Illi minn dina l-esposizzjoni maghmula mill-Qorti ta'l-Appell li iccittat diversi sentenzi ohra tal-qrati taghna jidher illi l-elementi rikjesti sabiex jisussisti ir-reat tal-frodi baqghu invarjati fi-zmien.*

*Illi f'sentenza moghtija mill-Corte di Cassazione Penale gie deciz illi element ewelieni fir-reat tal-frodi huwa **"l'elemento del'danno patrimoniale"** Biex imbaghad jissusti dana it-tip ta' reat huwa necessarju illi jezistu "**I tre momenti di cui si compone il reato e' cioe' la produzione dell'artificio, nella successive induzione in errore e nella conseguenziale produzione dell'ingiusto profitto per l'agente." (Cassazione penale sez.II 3 ottobre 2006 n.34179)***

*Illi ghar-rigward ta' dana l-element soggettiv tar-reat tat-truffa, kif gie ritenut mill-awtur Francesco Antolisei, ikkwotat f'sentenza ohra moghtija mill-Qorti ta'l-Appelli Kriminali (Il-Pulizija vs Patrick Spiteri deciza 22/10/2004) : **"L'agente ... deve volere non solo la sua azione, ma anche l'inganno della vittima, come conseguenza dell'azione stess, la disposizione patrimoniale, come conseguenza dell'inganno e, infine, la realizzazione di quell profitto che costituisce l'ultima fase del processo esecutivo del delitto. Naturalmente occorre che la volonta/ accompagnata dalla consapevolezza del carattere frodatorio del mezzo usato, dell'ingiustizia del profitto avuto in mira e del danno che ne deriva all'ingannato."***

*Illi l-artikolu 309 tal-Kapitolu 9, imbaghad jikkontempla ir-reat minuri tal-frodi innominat. Illi ghar-rigward ta' dana ir-reat, ghalkemm l-element tar-"raggiri" jew l-"artifzji", huwa nieqes u allura anke gidba semplici hija bizzejjed ghal kummissjoni ta' dana ir-reat, izda dana irid bil-fors iwassal sabiex il-vittma u cioe' is-suggett passiv ta' dana ir-reat isofri xi telf patrimonjali. Illi kif gie deciz fis-sentenza Il-Puliizja vs Carmela German (Appelli Kriminali Inferjuri 30/12/2004): **"Kwantu ghal kwistjoni jekk il-gidba semplici – a differenza ta' l-artifizji u raggiri – tistax tammonta ossia twassal ghar-reat ta' frodi innominata, ir-risposta hija certament fl-affermattiv, basta li tali gidba tkun effettivament tammonta ghal qerq, cioe' intiza jew preordinata sabiex il-persuna l-ohra (il-vittma) taghmel jew tonqos milli taghmel xi haga li ggibilha telf patrimonjali bil-konsegwenti arrikkiment ghal min jghid dik il-gidba u basta, s'intendi li tkun effettivament waslet ghal dana it-telf min-naha u arrikkiment min-naha l-ohra."***

Illi inkwantu ghall-mertu tal-kaz, referenza ssir ghas-sentenza fl- ismijiet **Il-Pulizija vs George Debono:**[27]

*"Illi sentenza fejn il-fattispecje taghha kienu jirrigwardaw proprju cekk mhux onorat hija dik moghtija mill-Qorti ta'l-Appelli Kriminali (sede inferjuri) fil-kawza fl-ismijiet Il-Pulizija vs Emanuele Vella deciza fl-20 ta' Gunju 1997 fejn il-Qorti stqarret:*

*"Issa dak li ghamel l-appellant cioe' li hareg cekk meta fil-kont ma kellux fondi, ghalkemm certament kien hemm l-element tal-qerq ma jistax jinghad li f'dana il-kaz induca lil xi hadd milli jaghmel jew jonqos milli jaghmel xi haga bi hsara ghal dak ix-xi hadd u bi qliegh ghalih." Il-Qorti tkompli tispjega illi fi kliem iehor ma hemmx u ma setax ikun hemm in-ness mehtieg bejn il-qerq adoperat mill-imputat u xi att ta' kummissjoni jew ommissjoni da parti tal-parti leza. Il-Qorti izzid illi peress illi dana in-ness huwa ukoll*

[27] Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, Deciza fl-14 ta' Lulju, 2010.

*mehtieg ghall-finijiet tar-reat ikkontemplat fl-artikolu 309 lanqas ma jista jissussisti f'dana il-kaz ir-reat ikkontemplat fl-artikolu 309.*

*F'dana il-kaz ghalhekk l-element essenzjali ghal kummissjoni tar-reat tat-truffa u cioe' illi bl-agir tat-truffatur huwa ikun induca lill-vittma fi zball li permezz ta' dana l-izball il-vittma jaghmel jew jonoqs milli jaghmel xi haga bil-konsegwenza li issofri telf patrimonjali u bil-korrispondenti qligh ghall-agent certament ma jissussistiex f'dana il-kaz."*

Mill-atti processwali ma jirrizulta minn imkien li l-imputat ghamel uzu minn xi *misc en scene*, ingann, artifizji jew raggiri. Hu kien semplicement qal lil Micallef sabiex jghaddilu l-ahhar 4 kaxxi u b'hekk ikun f'posizzjoni igib il-flus kollha dovuti lilu. Dan jammonta ghal semplici gidba u ghalhekk din tista' twassal biss ghal sejbien ta' htija ghall-frodi innominat u mhux ghal truffa taht l-artikolu 308 tal-Kodici Kriminali. Qed issir din id-distinzjoni bejn l-artikoli 308 u 309 tal-Kodici peress li ma nghatatx l-akkuza ai termini tal-artikolu 309. Ghalhekk l-imputat qed jigi liberat minn din it-tielet imputazzjoni.

Illi mid-dokument esebit mill-ufficjal proskeutur, fil-kundizzjoni numru 6, hemm stipulat li l-imputat ma setghax johrog mir-residenza tieghu qabel is-6am u kellu jirinkaza ruhu sa nofs il-lejl. Issa l-Ispettur Mercieca jixhed li instab Mater Dei wara is-6am minghajr ma ngabet evidenza ulterjuri dwar il-hin ezatt li fih nstab l-imputat u c-cirkostanzi relattivi. Jirrizulta li mid-dokument esebit lanqas ma hemm indikati l-konnotati tal-imputat u lanqas ma gie prodott l-ispettur prosekutur f'dawk il-proceduri sabiex isir d-debita prova. Madanakollu lejn l-ahhar tax-xhieda tieghu Galea jammetti li kellu imposti fuqu kondizzjonijiet biex f'certu hinijiet ikun id-dar u jzid jghid li kien ghamel *"sitt ijiem straight"* jorqod fil-vettura tieghu ghaliex kien tkecca mid dar minn nanntu u jammetti ukoll li meta kien mfittex mill-Pulizija ma kienx mar id-dar ghaliex waqfitlu l-vettura bla diesel u raqad go fiha.[28] L-aqwa prova izda li Galea kiser il-kundizzjoni ta' rinkazar imposta fuqu hi l-fatt li fix-xhieda tieghu quddiem din il-Qorti jammetti li wettaq ir-reati addebitati lilu, fosthom it-tieni imputazzjoni fejn ir-reat sehh fil-hin li l-imputat suppost kien rinkazat. Iktar minn hekk l-imputat kellu imposta fuqu il-kundizzjoni numru 4 u cioe` dik li ma jaghmilx reat iehor ta' natura volontarja waqt li jkun mehlus mill-arrest. Ghaldaqstant qed tinstab htija fuq din il-hames imputazzjoni.

[28] Fol.83

Illi dwar l-addebitu tar-recidiva, mis-sentenzi esebiti jirrizultaw il-konnotati tal-imputat u ghalhekk gie pruvat li Galea hu recidiv anke fit-termini tal-artikolu 50 tal-Kodici Kriminali. Illi ghalkemm l-imputat ma giex akkuzat li wettaq reat fil-perjodu operattiv ta' sentenza moghtija nhar l-1 ta' Lulju, 2016, madanakollu jirrizulta b'mod cjar li nghata diversi opportunitajiet biex jirriforma ruhu, liema opportunitajiet ghazel li jarmi u minflok ikompli bil-hajja refrattarja tieghu. F'dawn ic-cirkostanzi l-Qorti tqis li l-unika piena idoneja hi dik ta' karcerazzjoni effettiva.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati li jinsab akkuzat bihom l-imputat, il-fedina penali inkwetanti tieghu w tac-cirkostanzi kollha l-ohra tal-kaz, fejn jirrizulta li l-imputat qed ikun sprunat jikkometti reati sabiex jiffinanzja l-vizzju tad-droga li qed jitlob l-ghajnuna sabiex jinheles minnu.

F'dan il-kaz ghalkemm ma japplikax l-artikolu 337(2)(3) tal-Kodici Kriminali, mhemmx dubbju li l-imputat pprova jindirizza l-hsara minnu kawzata billi ghadda lill-parte leza €200 u vettura, ghalkemm ma ngabet ebda prova dwar kemm tiswa dik il-vettura jew li mhemmx impedimenti legali sabiex din tigi trasferita ghal fuq l-istess parte leza.

Ghal dawn il-motivi wara li rat l-artikoli 17, 31, 49, 50, 261(b)(c)(f), 263, 264, 267, 270, 278(2), 279(a), 280(2) u 579 tal-Kodici Kriminali, filwaqt li ma ssibx htija rigward it-tielet imputazzjoni u tillibera lill-imputat minnha, din il-Qorti ssib lill-imputat Colin Galea hati tal-ewwel, it-tieni, ir-raba u l-hames imputazzjoni, u tikkundannah ghal tlieta u ghoxrin (23) xahar prigunerija.

Inoltre` ai termini tal-artikolu 579(2) tal-Kodici Kriminali tordna li s-somma totali ta' €5,000 moghtija bhala garanzija hekk kif ordnat bid-digriet tas-16 t'Awissu, 2016, moghti mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) preseduta mill-Onor. Magistrat Dr. Monica Vella, tigi konfiskata favur il-Gvern ta' Malta.

Ai termini tal-artikolu 382A tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta qed issir ordni ta' trażżin fil-konfront tal-imputat għal żmien tliet snin u dan li ma għandux javviċina l-parte leza u l-familjari tiegħu.

Finalment a tenur tal-artikolu 412D tal-Kodici Kriminali qeghda tpoggi lill-hati taht Ordni ta' Trattament ghal zmien tlett snin sabiex jinghata l-ghajnuna kollha mehtiega sabiex jeghleb il-vizzju tad-droga, inkluz li jsegwi programm ta' riabilitazzjoni waqt li qed jiskonta l-piena moghtija lilu.

Il-Qorti tordna li kopja ta' dina is-sentenza ghandha tintbaghat lid-Direttur tal-Probation u Parole skond il-ligi.

**Dr Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**
**Magistrat**